MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 550/2013

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Delia Shylain**
**ID302890-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn erbgha u tmenin ewro u erbatax-il centezmu (€284.14c), skont il-ftehim u l-prospett hawn annessi u mmarkati Dok. A u B, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, u cioe' dak tat-telefon numru 21808155, kont numru A/C40176614, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti mehmuza, u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn erbgha u tmenin ewro u erbatax-il centezmu (€284.14c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------